

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament ġdid dwar Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż fuq is-sit web tal-KEPD
www.edps.europa.eu)

(2019/C 50/06)

Sabiex tittejjeb is-sigurtà u titjieb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, il-Kummissjoni adottat Proposta li ttejjeb is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), il-bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE li fiha informazzjoni dwar persuni li japplikaw għal viża ta' Schengen.

B'mod partikolari, il-Proposta tippredvi (a) it-tnaqqis tal-età tal-marki tas-swaba' għal applikanti tfal għal viża għal soġġorn qasir minn 12-il sena għal 6 snin, (b) iċ-ċentralizzazzjoni fil-livell tal-UE ta' relatata mad-detenturi kollha ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza u (c) il-kontroverifika tal-applikazzjonijiet għal viża kontra sistemi oħra tal-informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

Il-KEPD jenfasizza li *data* bijometrika bħal marki tas-swaba' hija sensitiva ħafna. Il-ġbir u l-użu tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal analiżi stretta meħtieġa qabel ma jiġi deċiż li jinħażnu f'bażi tad-*data* fejn numru kbir ta' persuni jkollhom id-*data* personali tagħhom ipproċessata. Dan huwa iktar kritiku meta jikkonċerna l-marki tas-swaba' ta' tfal li huma membri partikolarment vulnerabbli tas-soċjetà tagħna u għalhekk jisthoqqlhom protezzjoni speċjali.

Il-KEPD jirrikonoxxi li t-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abużi tad-drittijiet tat-tfal bħat-traffikar huwa ta' importanza kbira. Madankollu, huwa jinnota li għadu mhux ċar jekk u sa liema punt it-traffikar tat-tfal għandux l-għerqu jew huwiex amplifikat mill-identifikazzjoni żbaljata jew min-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' tfal li jidħlu fit-territorju tal-UE fuq il-bażi ta' viża. Jekk jiġu pprovduti aktar elementi bħala appoġġ għal din l-affermazzjoni, il-KEPD jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-marki tas-swaba' tat-tfal jintużaw biss meta jkun fl-aħjar interess tat-tfal. Barra minn hekk, salvagwardji xierqa għandhom jiġu inklużi fil-Proposta

Barra minn hekk, il-KEPD jinnota li bl-inklużjoni ta' *data* dwar id-detenturi kollha ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fil-VIS, il-Proposta tkun tinkludi l-unika kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li bħalissa mhumiex koperti minn xi waħda mis-sistemi fuq skala kbira tal-UE fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-kuntest tal-interoperabilità proposta tas-sistemi fuq skala kbira tal-UE, il-Proposta tkun tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' network ċentralizzat tal-UE li jagħti aċċess għal ammont konsiderevoli ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li qasmu jew qed jikkunsidraw li jaqsmu l-fruntieri tal-UE (jiġifieri miljuni ta' nies). Huwa jinnota li hemm żewġ objettivi li *data* relatata mal-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza tiġi ċentralizzata: (a) li jaċċerta l-awtentiċità ta' dokument u r-relazzjoni leġittima mad-detentur tiegħu u (b) li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar individwi li t-talba għall-viża tagħhom ġiet rifjutata għal raġunijiet ta' sigurtà. F'dan il-kuntest, huwa jqis li l-armonizzazzjoni ta' dokumenti siguri għandha tiġi investigata aktar u li d-*data* maħżuna fil-VIS għandha tkun limitata għal individwi li l-viża għal soġġorn twil tagħhom jew il-permess ta' residenza ġiet rifjutata għal raġunijiet ta' sigurtà.

Finalment, il-Proposta tippredvi t-tqabbil ta' *data* maħżuna fil-VIS ma' *data* maħżuna f'sistemi oħra mibnija u użati s'issa għal skopijiet oħra barra l-migrazzjoni. B'mod partikolari, id-*data* tal-applikanti għall-viża titqabbil mad-*data* miġbura u maħżuna għal finijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. F'konformità mat-tħassib tiegħu dwar it-tendenza li dejjem tikber biex iċajpru l-limiti bejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, il-KEPD jinnota li l-Proposta ma tiddeterminax biċ-ċar kif u sa liema punt l-informazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja għandha titqies fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-viża. Huwa jirrakkomanda li fil-Proposta jiġi ċċarat l-iskop tat-tqabbil tad-*data* tal-VIS ma' informazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja kif ukoll il-proċedura u l-kondizzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-eżitu ta' tali tqabbil. Huwa jirrakkomanda wkoll li fil-Proposta jiġi żgurat li informazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja biss li huma legalment parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-viża jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-viża.

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

1. Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni *Stronger and Smarter Information Systems for Borders and Security* ⁽¹⁾ ("Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà") biex tnedi diskussjoni dwar in-nuqqasijiet fil-funzjonalitajiet ta' sistemi eżistenti għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-Unjoni Ewropea sabiex tottimizza l-prestazzjoni tagħhom.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni stabbilixxiet grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabilità ("HLEG"), li kien jinkludi esperti fil-qasam tas-sistemi tal-informazzjoni u l-interoperabilità, innominati mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati ta' Schengen, u l-aġenziji u l-korpi tal-UE. L-għan tal-grupp ta' esperti kien li jikkontribwixxi għal viżjoni strateġika ġenerali dwar kif il-ġestjoni u l-użu tad-*data* kemm għall-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll għas-sigurtà jsiru aktar effettivi u effiċjenti, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, u biex jiġu identifikati soluzzjonijiet għall-implimentazzjoni tat-titjib ⁽²⁾.
3. L-HLEG ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rapport finali tiegħu f'Mejju 2017 ⁽³⁾. Fir-rigward tal-VIS, l-HLEG għamel diversi rakkomandazzjonijiet, *inter alia*:
 - biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS biex taħżen viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza,
 - biex itejjeb l-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi filwaqt li jirrispetta l-oġhla standards ta' protezzjoni tad-*data*,
 - biex itejjeb il-kwalità tad-*data* fis-sistema, b'mod partikolari l-kwalità ta' immaġini tal-wiċċ biex jippermetti tftixxijiet multimodali bl-użu tal-bijometrika,
 - biex titnaqqas l-età tal-marki tas-swaba' għat-tfal, biex jirrispondi għat-tħassib tat-traffikar tal-bnedmin li jinvolvi t-fal u l-ħtif tat-tfal, u l-migrazzjoni irregolari li tinvolvi l-minuri,
 - biex itejjeb il-kapaċità tal-VIS f'termini ta' produzzjoni ta' statistika u rapporti rilevanti għal xejriet u fenomeni migratorji ⁽⁴⁾.
4. Fis-17 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar it-tnaqqis tal-età tal-marki tas-swaba' għat-tfal fil-proċedura tal-viża minn tnaq-il sena għal sitt snin ⁽⁵⁾. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika oħra dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS") biex tinkludi *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza ⁽⁶⁾. Il-KEPD ipparteciċpa fiż-żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi u ħareġ żewġ sqarrijiet ⁽⁷⁾.
5. Fil-15 ta' Meju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat proposta (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta") għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda:
 - Regolament (KE) Nru 767/2008 ("Regolament VIS"),
 - Regolament (KE) Nru 810/2009 ("Kodiċi dwar il-Viżi"),
 - Regolament (UE) 2017/2226 ("ir-Regolament tal-EES"),
 - Regolament (UE) 2016/399 ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"),

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/home-affairs/what-is-new/news/news/2016/20160406_3_en

⁽²⁾ C (2016) 3780 finali, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17.6.2016 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabilità.

⁽³⁾ <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1>

⁽⁴⁾ *Ibidem*, p. 19.

⁽⁵⁾ https://ec.europa.eu/home-affairs/news/public-consultation-lowering-fingerprinting-age-children-visa-procedure-12-years-6-years_en

⁽⁶⁾ https://ec.europa.eu/home-affairs/content/consultation-extending-scope-visa-information-system-vis-include-data-long-stay-visas-and_en

⁽⁷⁾ It-tweġiba tal-KEPD għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biex tinkludi *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/18-02-09_formal_comments_vis_consultation_long_stay_visas_residence_documents_en.pdf u l-kummenti formali tal-KEPD bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-età tal-marki tas-swaba' għat-tfal fil-proċedura tal-viża minn 12-il sena għal 6 snin, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/17-11-09_formal_comments_2017-0809_en.pdf

- Regolament XX/2018 (Regolament dwar l-Interoperabilità),
 - u d-Deċiżjoni 2004/512/KE (“Deċiżjoni VIS”),
 - u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI (“Deċiżjoni dwar l-aċċess għall-infurzar tal-liġi”).
6. Il-KEPD għe mistieden jikkontribwixxi għaż-żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi mnedija mill-Kummissjoni (ara l-punt 4 supra). Peress li l-Proposta tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-ipproċessar tad-*data* personali, huwa jistaqsi għaliex ma għiex ikkonsultat dwarha mill-Kummissjoni, la b’mod informali u lanqas formali.

1.2. Obiettivi tal-Proposti

7. Il-Proposta għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà fl-Unjoni u l-fruntieri tagħha u li tiffaċilita l-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta’ Schengen. B’mod partikolari, il-Proposta għandha l-għan li ttejjeb l-ipproċessar tal-viża, tespandi l-użu tal-VIS għal kategoriji ġodda ta’ *data*, tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti ta’ interoperabilità, ittejjeb il-kwalità tad-*data* u ttejjeb is-sistema tal-VIS.
8. Għal dan il-għan, il-Proposta tintroduċi l-possibilitajiet li:
- Tinkludi viżi għal soġġorn twil u permessi ta’ residenza fil-VIS, sabiex:
 - taċċerta l-awtentiċità u l-validità tad-dokument u r-relazzjoni leġittima mad-detentur,
 - tiffaċilita l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri li jippermettilhom jivverifikaw jekk il-persuna hijiex theddida għas-sigurtà tal-Istati Membri qabel jew meta l-persuna tilħaq il-fruntiera esterna.
 - Tbxaxxi l-età tal-marki tas-swaba’ għal applikanti tfal għal viża għal soġġorn qasir minn 12-il sena għal 6 snin sabiex tivverifika l-identità ta’ tifel/tifla li jkollu viża fil-fruntiera u biex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.
 - Tivverifika l-applikazzjonijiet kollha tal-viża rreġistrati fil-VIS mas-sistemi ta’ informazzjoni l-oħra kollha tal-UE fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja billi tuża l-interoperabilità biex iżżid il-kontrolli tas-sigurtà.
 - Iżżomm kopja tal-bijopaġna tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikanti fil-VIS bħala prova biex issostni l-proċedura għar-ritorn ta’ migranti irregolari fil-pajjiżi tal-oriġini tagħhom f’każ li dokumenti tal-ivvjaġġar ikunu nieqsa.
 - Tuża l-marki tas-swaba’ maħżuna fil-VIS biex iddahhjal allerti dwar persuni nieqsa fis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS).
9. L-opinjoni preżenti tiffoka fuq kwistjonijiet li jkollhom impatt fuq id-dritt fundamentali tal-individwi għall-protezzjoni tad-*data* Il-KEPD jinnota li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ħarġet ukoll opinjoni dwar is-Sistema ta’ Informazzjoni tal-Viża riveduta u l-implikazzjonijiet tagħha fuq id-drittijiet fundamentali⁽⁸⁾.
10. Biex tiffaċilita l-qari u l-fehim tal-Proposta, li temenda diversi testi leġiżlattivi eżistenti, l-opinjoni preżenti se tuża n-numerazzjoni ta’ artikoli kif introdotti jew emendati mill-Proposta fit-testi legali eżistenti.

4. KONKLUŻJONIJIET

93. Il-KEPD jenfasizza li *data* bijometrika bħal marki tas-swaba’ hija sensitiva ħafna. Il-ġbir u l-użu tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal analiżi stretta meħtieġa qabel ma jiġi deċiż li jinħażnu f’bażi tad-*data* fejn numru kbir ta’ persuni jkollhom id-*data* personali tagħhom ipproċessata. Dan huwa iktar kritiku meta jikkonċerna l-marki tas-swaba’ ta’ tfal li huma membri partikolarment vulnerabbli tas-soċjetà tagħna u għalhekk jistħoqqilhom protezzjoni speċjali.
94. Il-KEPD jirrikonoxxi li t-tiżiħ tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbużi tad-drittijiet tat-tfal bħat-traffikar huwa ta’ importanza kbira. Madankollu, huwa jinnota li għadu mhux ċar jekk u sa liema punt it-traffikar tat-tfal għandux l-għeruq jew huwiex amplifikat mill-identifikazzjoni żbaljata jew min-nuqqas ta’ identifikazzjoni ta’ tfal li jidħlu fit-territorju tal-UE fuq il-bażi ta’ viża.

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali dwar is-Sistema ta’ Informazzjoni tal-Viża riveduta u l-implikazzjonijiet tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, 30 ta’ Awwissu 2018, disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/opinion/2018/visa-system>

95. Jekk jiġu pprovduti aktar elementi bħala appoġġ għal din l-affermazzjoni, il-KEPD jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-marki tas-swaba' tat-tfal jintużaw biss meta jkun fl-aħjar interess tat-tfal f'każ speċifiku. Għalhekk huwa jirrakkomanda li fil-Proposta tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika dwar il-marki tas-swaba' tat-tfal biex tillimita l-ipproċessar tagħhom għall-iskopijiet ta':
- verifika tal-identità tat-tfal fil-proċedura tal-applikazzjoni tal-viża u fil-fruntieri esterni u,
 - kontribut għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż tad-dritt tat-tfal f'każ speċifiku biss.
- B'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-KEPD jirrakkomanda li jiġi żgurat li:
- dan l-aċċess għandu jkun meħtieġ għall-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta jew l-investigazzjoni ta' każ ta' traffikar tat-tfal,
 - aċċess huwa meħtieġ f'każ speċifiku,
 - tiftixxa minn qabel fil-bażi tad-*data* nazzjonali rilevanti u fis-sistemi speċifiċi fil-livell tal-Unjoni ma rnessietx,
 - jeżistu raġunijiet raġonevoli biex jiġi kkunsidrat li l-konsultazzjoni tal-VIS se tikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, l-iskoperta jew l-investigazzjoni tal-każ tat-traffikar tat-tfal in kwistjoni, u,
 - l-identifikazzjoni hija fl-aħjar interess tat-tfal.
96. Il-KEPD jinnota li bl-inklużjoni ta' *data* dwar id-detenturi kollha ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fil-VIS, il-Proposta tkun tinkludi l-unika kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li bħalissa mhumiex koperti minn xi waħda mis-sistemi tal-UE fuq skala kbira fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-kuntest tal-interoperabilità proposta tas-sistemi fuq skala kbira tal-UE, il-Proposta tkun tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' network ċentralizzat tal-UE li jagħti aċċess għal ammont konsiderevoli ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li qasmu jew qed jikkunsidraw li jaqsmu l-fruntieri tal-UE (jiġifieri miljuni ta' nies). Minħabba l-oġettiv doppju għaċ-ċentralizzazzjoni tad-*data* relatata mal-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza: (a) biex tiġi aċċertata l-awtentikità ta' dokument u r-relazzjoni leġittima mad-detentur tiegħu u (b) biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar individwi li t-talba għall-viża tagħhom ġiet rifjutata għal raġunijiet ta' sigurtà, il-KEPD jikkunsidra li l-għażla li jiġu armonizzati dokumenti siguri relatati ma' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza għandhom jiġu investigati aktar u li l-informazzjoni maħżuna fil-VIS għandha tkun limitata għal individwi:
- li d-*data* tagħhom tikkorrispondi ma' *data* maħżuna f'sistema oħra jew fejn jibqgħu dubji dwar l-identità tagħhom,
 - li t-talba tagħhom għal viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza ġiet miċħuda minħabba li ġew ikkunsidrati li huma ta' theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà interna jew għas-saħħa pubblika jew huma ppreżentaw dokumenti li kienu akkwistati b'mod frodulentu jew iffalsifikati jew imbagħbsa.
97. Fir-rigward tal-paragun ta' *data* maħżuna fil-VIS ma' *data* maħżuna f'sistemi oħra, il-KEPD jirrakkomanda li fil-Proposta jiġu inklużi garanziji li informazzjoni maħżuna fl-ECRIS-TCN relatata ma' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra biss tkun komunikata lill-awtorità ċentrali. Mod wieħed kif jista' jinkiseb dan jista' jkun li l-awtorità ċentrali ma tkunx infurmata dwar il-hit iżda notifika awtomatikament tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun daħħal id-*data* li wasslet għall-hit. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mbagħad, fejn rilevanti, tinforma lill-awtorità ċentrali. Inkella, il-possibbiltà li tiġi kkonsultata s-sistema ECRIS-TCN għandha titħassar.
98. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li fil-Proposta jiġi ċċarat l-iskop tat-tqabbil tad-*data* tal-VIS mad-*data* tal-Europol, kif ukoll il-proċedura u l-kondizzjonijiet applikabbli fir-rigward tar-riżultat ta' tali paragun. Barra minn hekk, huwa jqis li l-Proposta għandha tkun iċċarata rigward it-tipi ta' allerti tas-SIS li għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċedura tal-ħruġ tal-viża u jirrakkomanda li fil-Proposta jiġi żgurat li it-twissijiet li huma legalment parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-viża biss jipproduċu hit aċċessibbli mill-awtoritajiet tal-viża.

99. Finalment, lil hinn mill-kummenti ġenerali u l-kwistjonijiet ewlenin identifikati hawn fuq, il-KEPD għandu rakkomandazzjonijiet addizzjonali relatati mal-aspetti li ġejjin tal-Proposti:
- Kategoriji ta' *data* VIS imqabbla ma' *data* rreġistrata f'sistemi oħrajn,
 - Kategoriji speċifiċi ta' applikanti għall-viża,
 - Definizzjoni ta' awtoritajiet ċentrali,
 - L-użu tad-*data* tal-VIS biex jiddaħħal allert tas-SIS fuq persuni nieqsa,
 - Verifiki fil-każ ta' hit,
 - Access għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi,
 - Statistika,
 - L-użu ta' *data* anonimizzata għal skopijiet ta' ttestjar,
 - Monitoraġġ tal-kwalità tad-*data*,
 - Superviżjoni tal-VIS.
100. Il-KEPD jibqa' disponibbli sabiex jipprovdi aktar pariri dwar il-Proposti, anki b'rabta ma' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni adottat skont ir-Regolamenti proposti, li jista' jħalli impatt fuq l-ipproċessar ta' *data* personali.

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018.

Giovanni BUTTARELLI

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
